MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2013

Avviz Numru. 360/2011

**Dolores Ellul (ID 557483M)**
**vs**
**Noel Bonello (ID 288979M)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors promotur ippresentat mir-rikorrenti Dolores Ellul fl-24 ta' Ottubru 2011 fejn talbet lill Qorti tikkundanna lill-intimat ihallasha is-somma ta' sebat elef u mitejn Euro (€7,200) rappresentanti flus mislufa lilu minnha, flimkien mal-imghax mid-data tas-self sad-data tal-pagament flimkien mal-ispejjez tal-Ittra Ufficjali minnha ppresentata f'Ottubru 2011.

Rat ir-risposta tal-intimat Noel Bonello ippresentat fid-29 ta' Novembru 2011 fejn, in succint, huwa qal illi ma kellu jaghti ebda flejjes lir-rikorrenti peress illi tali flus intuzaw biex jinfetah negozju illi huma t-tnejn kellhom jiggestixxu flimkien, u dana fuq insistenza taghha u kontra r-rieda tieghu u spicca illi kellu jidhol f'dejn kbir biex

eventwalment fetah in-negozju minghajr ir-rikorrenti u ma kienx sew illi r-rikorrenti tinghata lura l-flejjes li hu jaccetta li harget hi wara li kienet hi li ddecidiet li tirtira min-negozju.

Rat illi, flimkien mar-risposta, l-intimat Noel Bonello ressaq ukoll kontro-talba fejn talab lill-Qorti tikkundanna lir-rikorrenti thallsu s-somma ta' hdax-il elf, tlett mija u sebghin Euro (€11,370) rappresentanti valur ta' gaggeg u fniek illi zammet ir-rikorrenti, meta intemmet l-eghrusija illi kellhom il-partijiet, kif ukoll xorb tat-tieg, xoghlijiet varji illi l-intimat ghamel fil-fond tal-genituri tar-rikorrenti u madwar tmien mija u sebghin Euro (€870) flus kontanti fil-pussess tar-rikorrenti.

Rat illi, fil-5 ta' Dicembru 2011, ir-rikorrenti ippresentat risposta ghal kontro talba tal-intimat fejn eccepiet illi l-intimat ma kien dovut xejn peress illi l-intimat ma xtara ebda gaggeg izda bnihom bl-injam u fiddiferru u kull ma kellu fniek kien fenka wahda u tlett zramec, li mietu ftit wara illi gabhom ghandha. Apparti minn hekk, dwar xorb hija stqarret li l-intimat qatt ma ha xi xorb ghandha ghat-tieg u il-ftit xoghol li kien ghamel, kien ghamlu flimkien ma' missier ir-rikorrenti, u certament ma' ghamel ebda xoghol ta' valur. Fl-ahhar nett, ir-rikorrenti tishaq illi hija imposibbli li ghandha l-flus ghandha peress illi huwa dejjem kien jghidliha li ma kellu xejn flus, peress illi kienu kollha marbutin il-Bank.

Rat l-affidavit ta' **Rita Ellul**, omm ir-rikorrenti, u ta' **Carmelo Ellul**, missier ir-rikorrenti, ippresentat kontestwalment mar-rikors promotur fil 15 ta' Novembru 2011.

Rat l-affidavit tar-rikorrenti **Dolores Ellul** ippresentat fis 17 ta' Frar 2012.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Martin Bajada** moghtija fis 16 ta' Marzu 2012 u d-dokumentazzjoni ossija elenku ta' messaggi telefonici ossija SMS mibghuta mill-intimat lir-rikorrenti.

Semghet ix-xhieda ta' **Graziella Mizzi** moghtija fis 16 ta' Marzu 2012, rappresentanta ta' 'Primavera Caterings', illi xehdet dwar l-ikel illi kien ordnat ghat-tieg tal-partijiet kif ukoll ix-xhieda ta' **Sergio Falzon** illi kien il-persuna li ha l-ordni, liema xhieda inghatat fil 21 ta' Mejju 2012.

Semghet ix-xhieda ta' **Etienne Mifsud** moghtija fis 16 ta' Marzu 2012, rappresentant ta' 'Natasha His & Hers', illi xehed dwar l-ilbies ordnat ghat-tieg.

Semghet ix-xhieda ta' **Therese Mohnani** moghtija fis 16 ta' Marzu 2012, rappresentanta ta' 'Centro Sposa', illi xehdet dwar il-libsa tat-tieg tar-rikorrenti.

Semghet ix-xhieda ta' **Johan Rikard** moghtija fis 16 ta' Marzu 2012, rappresentant tal-hanut 'Pensieri' illi xehed dwar is-souvenirs tat-tieg u l-inviti.

Rat l-affidavit ta' **Marianna Ellul**, oht ir-rikorrenti, ippresentat fl-20 ta' Marzu 2012.

Rat illi fil 21 ta' Mejju 2012 ir-rikorrenti iddikjarat li ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Rat l-affidavit ta' **Carmen Bonello**, omm l-intimat, ippresentat fid 29 ta' Novembru 2011 flimkien mal-kontro talba tal-intimat, kif ukoll semghet il-kontro ezami taghha illi sar fil 21 ta' Mejju 2012.

Semghet ix-xhieda ta' **Charles Abela**, garr tar-rikorrenti, prodott mill-intimat fil 15 ta' Frar 2013.

Rat l-affidavit tal-intimat **Noel Bonello** ippresentat fil-15 ta' Frar 2013.

Rat l-affidavit ta' **Alfred Bonello**, missier l-intimat, ippresentat fil-15 ta' Frar 2013.

Rat l-affidavit ta' **Josef Bonello**, hu l-intimat, ippresentat fil-15 ta Frar 2013.

Rat illi fis 17 ta' Mejju 2013, il-partijiet qablu li ma kienx hemm bzonn ta' kontro-ezamijiet u li l-process tal-gbir tax-xhieda seta jinghalaq.

Rat illi dakinhar il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza bil-fakolta lill-partijiet sabiex jippresentaw in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom.

Rat in-nota ta' sottomissjoni ta' Dolores Ellul ippresentata fit 18 ta' Lulju 2013 u ta' Noel Bonello ippresentata fl 1 ta' Awissu 2013.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-partijiet kienu gharajjes u kienu bdew jiffrekwentaw lill xulxin bhala gharajjes f'Awissu 2010, fi Frar 2011 bdew jaghmlu l-preparamenti ghaz-zwieg u f'Settembru 2011 r-rikorrenti hassret l-gherusija wara sajf ta' glied, peress illi ma kientx certa jekk xtaqietx tizzewweg - jigifieri kellhom relazzjoni ta' madwar tlettax-il xahar b'kollox.

Illi jirrizulta li tul l-eghrusija, ir-rikorrenti kienet dahhlet lill-intimat id-dar taghha wara ftit hin, u l-intimat kien spicca vicin mal-familja tar-rikorrenti tant illi hallewh irabbi l-fniek fid-dar taghhom kif ukoll kien ta' daqqa t'id lill-missier ir-rikorrenti fid-tqieghid tad-dranagg illi kien qieghed jaghmel l-istess missier tar-rikorrenti.

Mument minnhom, fis-sajf tat-2011, jigifieri meta kienu ilhom ghaxar xhur gharajjes, l-intimat beda jitlob lir-rikorrenti ghal flus sabiex ikun jista jiftah 'grocer', u r-rikorrenti, kontra r-rieda ta' ohtha u minkejja t-twissijiet ta' ommha, kienet sellfitu ammont totali ta' sebat elef u mitejn Euro. Dana is-self sar permezz ta' erbgha pagamenti: wiehed ta' hames mitt Euro, iehor ta' tlett mitt Euro, iehor ta' sitt Elef u mitejn Euro u l-ahhar wiehed ta' mitejn Euro. Tali flejjes kienu mitluba mill-intimat u hija hassitha obbligata illi tghinu la darba kienu gharajjes.

F'Settembru 2011, ir-rikorrenti hassret kollox minn mal-intimat, u bdiet titlob lill-intimat sabiex jirrifondilha l-flus li sellfitu. Inizzjalment l-intimat kien jghidlha illi malli jinghata loan mill-Bank ghal hanut, huwa kien ser jhallasha lura. Imbghad saret taf li gab il-loan u fetah il-hanut u regghet ikkuntattjatu ghal flus, izda dana irrifjuta u beda jiggieled maghha.

Ghalhekk, f'Ottubru 2011 huma marru ghand avukat u baghtulu ittra ufficjali ghal hlas tal-flejjes lilu mislufa.

Sussegwentement, ftit gimghat wara, ir-rikorrenti irceviet ittra ufficjali b'risposta ghal dik illi kienet bghatet hi, fejn l-intimat talabha thallas is-somma ta' hdax il-elf, tlett mija u sebghin Euro. Ikun opportun, f'dana l-istadju, illi l-Qorti tindika kif wasal ghal tali somma l-istess intimat. Tali flejjes, skond l-intimat, kienu maqsuma kif gej:-

| | | |
|---|---|---|
| Xorb tat-tieg li zammet r-rikorrenti fid-dar taghha | - | €1,700 |
| Gaggi tal-fniek u appart iehor | - | €3,800 |
| 43 Fenka u 90 zarmuc | - | €2,000 |
| Xoghol ta' kisi, soqfa u dranagg fid-dar taghha | - | €3,000 |
| Flus kontanti tal-mittenti mizmuma minnha | - | € 870 |

Kien wara tali skambju legali illi nbdew il-proceduri odjerni.

**Ikkunsidrat**

Illi mix-xhieda kollha prodotta, fil-maggoranza taghha permezz ta' affidavits u mhux kontro ezaminati, jirrizulta illi kien hemm qbil da' parte tal-intimat illi r-rikorrenti kienet selfitu l-flus ghal hanut, izda l-intimat jishaq illi huwa qatt ma ried jiftah hanut, peress illi kellu hanut ta' missieru

qabel u kien ghalqu, u fetah il-hanut biss fuq insistenza tar-rikorrenti. Huwa ghalhekk insista li l-flejjes moghtija mir-rikorrenti ma kellhomx jigu lilha rifuzi, peress illi dahal ghal piz finanzjarju kbir unikament minhabba fir-rikorrenti.

Jirrizulta allegat ukoll, minn xhieda ta' certu Charles Abela, prodott mill-intimat, li dana il-gar tar-rikorrenti, li ilu ma jkellem lill-familja tar-rikorrenti ghal aktar minn tlett snin peress illi miggieldin, ra lill-intimat ibajjad il-faccata tad-dar tar-rikorrenti madwar sitt darbiet f'temp ta' sena kif ukoll, dejjem skond dana il-garr tant kredibbli, kien imur id-dar tar-rikorrenti jiftah id-dranagg madwar tlett darbiet fil-gimgha. L-istess garr, madanakollu, stqarr illi, minkejja illi huwa joqghod biss tlett bibieb il-fuq mir-rikorrenti, huwa qatt ma kellu problemi ta' dranagg.

Illi, jirrizulta wkoll illi, tul il-proceduri odjerni, filwaqt illi r-rikorrenti kienet f'posizzjoni tissostanzja l-pretensjonjiet taghha permezz ta' dokumenti, l-intimat ma kienx f'posizzjoni li jaghmel dan u kull ma ghamel huwa li ressaq provi b'affidavits, kif del resto ghamel ukoll r-rikorrenti, u xhieda viva voce illi x-xhieda tieghu tirrazenta d-disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti, peress illi hareg car illi tali xhud, Charles Abela, ma huwa assolutament xejn kredibbli u kien qieghed jigdeb tul ix-xhieda kollha tieghu u dana peress li l-Qorti fehmet bic-car li huwa ghandu kwistjoni mal-familja tar-rikorrenti, peress illi joqghodu hdejn xulxin u miggieldin bejniethom, u ried jara kif ser ipattihilhom.

Illi jirrizulta car ukoll tul l-andament tal-kawza li wahda mill-ahjar decizjonijiet illi setghet ghamlet ir-rikorrenti kienet dak illi ttemm ir-relazzjoni taghha minn mal-intimat, peress illi hareg car li l-intimat kull ma ried minghand r-rikorrenti kien flus u xejn aktar, kien interessat biss fl-affarjiet tieghu u ma kienx preparat li jroddilha l-flus lura li huwa accetta li kienet ghaddietlu peress illi, skond hu, hi kellha tibqa mieghu - jidher car illi l-intimat ma ghandhux idea dwar il-valuri taz-zwieg u ghalhekk r-rikorrenti ghamlet sew li ttemm ir-relazzjoni taghha.

Illi jirrizulta car ukoll illi l-intimat inghata somma totali ta' sebat elef u mitejn mitt Euro (€7,200) u dana biex ikun jista jiftah hanut u, minkejja illi l-intimat sahaq li huwa ma riedx jiftah hanut u kien biss minhabba fl-insistenza tar-rikorrenti, il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi l-hanut infetah mill-intimat wara illi temm ir-relazzjoni mar-rikorrenti, u, minkejja li huwa sahaq li kien qed jifthu kontra qalbu, xorta wahda, minkejja li temm ir-relazzjoni tieghu mar-rikorrenti, fetah il-hanut u gab loan tal-Bank sabiex ikun jista jopera il-hanut. Ghalhekk, l-argumenti u l-iskuzi migjuba mill-intimat ma huma assolutament xejn kredibbli.

Illi, dwar il-kontro talba tal-intimat, il-Qorti ma tistax ma tinnutax id-disapprovazzjoni taghha lejn il-mod kif l-intimat ivvinta numri u figuri sabiex jipprova jiggustifika kont biex ibezzgha lir-rikorrenti fil-kawza taghha u jgieghla tasal ghal xi soluzzjoni mieghu. L-imaginazzjoni illi kellu l-intimat fir-redazzjoni tal-lista ta' talbiet tieghu hija wahda inkredibbli u certament, kieku l-intimat kellu jadopera tali imaginazzjoni fil-kamp artistiku, certament ikun ta' success. Madanakollu, fil-kaz odjern, ma ghandhiex kaz ta' imaginazzjonijiet u kummiedji, izda ghandna kax illi jrid jigi ppruvat bill-fatti, u, filwaqt li r-rikorrenti kienet f'pusizzjoni li tikkorrobora dak kollu li talbet hi, anke b'dokumentazzjoni, l-intimat ma seta jikkorrobora xejn minn dak li allega hu salv permezz ta' xhieda xejn kredibbli.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti, wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha

Tghaddi biex taqta u tiddecidi billi

Dwar il-**Kontro Talba** tal-Intimat, tilqa' l-eccezzjonjiet kollha tar-rikorrenti u tichad il-kontro talba tal-intimat.

Dwar it-**Talba** tar-rikorrenti, tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat u tilqa t-talbiet kollha tar-rikorrenti.

U Ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimat Noel Bonell ihallas lir-rikorrenti Dolores Ellul is-somma ta' sebat elef u mitejn Euro (€7,200) rappresentanti flejjes mislufa mir-rikorrenti lill-intimat u minnu mhux imradda lura bl-imghax mis- 17 ta' Awissu 2011, data meta inghata l-ahhar self, sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez kollha tal-proceduri odjerni, flimkien mal-Ittri Ufficjali ippresentata mir-rikorrenti, ghandhom ikunu a karigu tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------